MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 223/2009

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**

**vs**

**Attrans Limited (C-8520)**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' sebat elef mitejn u sebgha u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€7,297.49), rapprezentanti danni subiti mill-assigurat tas-socjeta' rikorrenti li ghalihom giet debitament ikkompensata mis-socjeta` assiguratrici rikorrenti rizultanti minn konsenja ta' zewg (2) *palettes cheese* u *crab meat* li gew trasportati mis-socjeta` intimata fuq *trailer* u waslu Malta fis-7 ta' Lulju tas-sena 2008 liema konsenja garbet il-hsara minhabba illi s-socjeta` intimata naqset milli zzomm il-prodott skont it-temperatura pattwita u ghalhekk hija unikament responsabbli ghall-istess;

Bl-ispejjez u bl-interessi mill-5 ta’ Frar tas-sena 2009 (data meta s-socjeta` rikorrenti intimat lis-socjeta` intimata) kontra s-socjeta` intimata li tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ rikorrenti sabiex is-socjeta’ intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fl-14 t’Ottubru tas-sena 2009, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta` intimata Attrans Limited (C-8520) thallas is-somma ta’ sebat elef mitejn u sebgha u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€7,297.49), lis-socjeta’ rikorrenti GasanMamo Insurance Limited (C-3143);

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kif dedotti kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------